MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Numru 589/2000

**PULIZIJA**
**SUP. JOSEPH VALLETTA**

**VS**

**DOMENICO FRANCO**

**Illum 31 ta' Ottubru 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Domenico Franco ta’ 45 sena, iben Riccardo u Katarina nee’ Marotta, imwieled Bari, Italja, fil-25 ta’ Novembru 1956, prezentement residenti f’appartament numru 201, Pergola Hotel, Mellieha, detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ Taljana numru AB 6856494;

Talli:

a) fil-15 ta’ Awissu, 2000 ghall-habta tal-11.00am waqt li kien qieghed isuq vettura numru AV 904SP fi Triq il-Marfa, Cirkewwa, limiti tal-Mellieha b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqaw ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti habat ma’ mutur numru CLD – 400 u kkaguna l-mewt ta’ Clyde Camilleri u Rachel Barbaro Sant;

b) Talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti kkaguna hsarat f’mutur numru CLD – 400 liema hsarat jeccedu l-mitt lira maltin (Lm100).

Wara illi rat l-Artikoli 225, 328 (d) tal-Kapitolu 9, 17 (b), 20, 533;

Ikkonsidrat:

Illi f’dana l-incident, b’disgrazzja, tilfu hajjithom zewg zaghazagh u, ghalhekk, u aktar mis- soltu, din il-Qorti, ghandha d-dmir li thares u tizen, bl-ikbar imparzjalita’ u oggettivita’, l-fatti li taw lok ghal dina t-tragedja u l-konstatazzjonijiet esperti peritali sussegwenti. Dan il-ghaliex il-gustizzja ghandha ssir u tidher li ssir u l-konsegwenzi taghha ser jeffettwa il-hajja u futur ta’ numru

sostanzjali ta' nies, jigifieri l-imputat u l-familja tieghu u l-genituri taz-zaghazagh u l-familji taghhom.

Illi, forsi, l-ahjar bidu ghall-evalwazzjoni tal-fatti li taw lok ghal dana l-fatt hija t-testimonjanza tat-tlett (3) xhieda okulari ta' nazzjonalita' Ingliza li, hergin mit-triq ta' Paradise Bay u wefqin fl-inkorcu tat-triq ta' Cirkewwa, raw l-incident, fl-intier tieghu, u setghu jiddiskrivu, b'mod ciar u b'mod limpidu dak li, attwalment, raw.  Wiehed ghandhu jqis, ukoll, illi tnejn minn dawn it-tlett xhieda huma, nfushom, sewwieqa u ghalhekk, il-versjoni tal-fatti hija wahda aktar preciza u teknika fid-dettal, forsi aktar minn dik li m'hihiex sewwieqa.

Il-Qorti qed tikkwota testwalment it-testimonjanza ta' Ramsey Hugh Watherspoon, sewwieq, li, fil-hin ta' l-incident, kien is-sewwieq ta' vettura mikrija Suzuki Jeep u li kienet wieqfa fl-inkrocju bejn it-triq li taghti ghal Paradise Bay u t-triq li taghti ghac-Cirkewwa.  Din it-testimonjanza inghatat minnhu fil-gurnata ta' l-incident quddiem il-perit tekniku Dr. Joseph Micallef Stafrace.

*"As I was stationary, I saw the motor cycle coming from the direction of Marfa.  It wasn't coming at a slow speed, but I would not describe the speed as excessive.  I am not in a position to express the speed in miles per hour. <u>Simultaneously</u>, as I turned my head straight, I saw the car turning towards me from my left-hand side and a collision ensued".*

Martu, Jillian Watherspoon, sewwieqa li kienet riekba fl-istess Suzuki Jeep fis-seat ta' wara l-passiggier, kellha dan xi tghid dwar l-incident:

*"I saw a car turning to go up the side street we were about to leave.  The car came from the direction of the Gozo ferry road quay.  I glanced to the right and I saw a motor*

*cycle coming from that direction and my instinct told me that there was going to be a collision as the car would block the path of the motor cycle.  The cyclist tried to brake and it bent to its' left and the collision ensued.*

*On being asked about the speed of the motor cycle, it is hard to say but it was not going too fast.  That is the impression I got on the spot.*

*The cyclist and pillion rider flew up and fell perpendicularly, that is, they did not fly forward.  Just up and down".*

Eva Wardrope, omm Jillian, m'hihiex sewwieqa.  Hija tixhed hekk:

*"I saw a motorcycle coming from the right side and, at the same time that a car, coming from the left side turned towards us in such a way that it blocked the path of the motorcycle and the collision ensued.  The cyclist and the pillion rider flew up, perpendicularly and fell to the ground – practically on the same spot of the accident.*

*The speed of the motorcycle seemed normal, surely not excessive.  No big noise prior to the impact".*

Minn dina t-testimonjanza johorgu certu fatturi komuni:

i) L-Opel, misjuqha minn Domenico Franco kienet qed iddur minn go main road (it-triq tac-Cirkewwa) ghal go side road (it-triq ta' Paradise Bay). Kienet xi tlieta jew erba' metri 'l boghod mill-bidu ta' dina t-triq, angolata bi dritt ma' dina t-triq.

ii) Il-motorcycle kien “main road user” sejjer lejn ic-Cirkewwa.

iii) Ma jidhirx illi z-zewg vetturi kienu qeghdin jinsaqu b’xi speed eccessiv. L-Opel kien ghadhu kemm beda jdur lejn il-lemin ghal go Paradise Bay, waqt illi l-main road user, il-motor cycle, jidher li kien qiegħed isuq bi speed normali u, certament, mhux bi speed eccessiv.

iv) Illi waqt illi kull sewwieq ghandhu jkun prudenti fis-sewqan tieghu, l-obbligu tal-proper look-out, f’dana l-kaz, jiggrava fuq l-imputat li, minn main road, qieghed jattraversa l-istess main road sabiex jidhol gewwa side road. Il-motor cycle kien main road user u, ghalhekk, kellu d-dritta.

v) Illi d-distanza minn fejn saret il-habta ghall-bendjatura li tezisti aktar ‘l fuq fil-main road, minn liema direzzjoni kienet gejja l-motorcycle, hija distanza konsiderevoli. Dana jfisser illi l-imputat, qabel ma gibed ghall-lemin u jibda jdur ghal gewwa t-triq li taghti ghal Paradise Bay, kellu bizzejjed hin sabiex jara lill-motorcycle gej.

vi) Illi, inoltre, il-vizzwali tal-imputat ma kienet, bl-ebda mod impedita, stante illi hija wahda dritta tul it-tul kollu tal-main road, mill-cross road minn fejn kien qieghed l-imputat.

vii) Illi l-fatt illi l-Opel, misjuqha mill-imputat bdiet triqitha lejn is-side street li taghti ghal Paradise Bay mill-main road tac-Cirkewwa, tfisser illi, meta saret il-habta, l-Opel kienet ostakolu ghat-traffiku li kien gej minn fuq ix-xellug taghha geww l-main road, fid-direzzjoni tal-vapur ta’ Ghawdex. Fil-fatt, ix-xhieda Jillian Watherspoon u Eva Wardrope jiddeskrivu lis-sewwieq tal-motorcycle u l-

passiggiera tieghu, bhala li taru ‘perpendicularly’ u cioe’, li habtu ma’ haga stazzjonarja jew miexja bil-mod hafna u li waqghu ‘practically on the same spot of the accident’.

viii) Finalment, izda tremendament importanti hija illi Ramsey Hugh Watherspoon ra, “simultaneously” il-motorcycle gej mill-lemin tieghu u lill-Opel minn fuq ix-xellug tieghu – “turning towards me”. Dana ma’ jfisser xejn ghajr illi kieku l-Opel zamm il-proper look-out illi huwa obbligat illi jzomm meta minn main road, huwa qieghed idur ghal gewwa side road, huwa kien ikollu bizzejjed vizzwali sabiex jinduna bil-motorcycle gej ghall-affarijiet tieghu u bizzejjed hin sabiex jieqaf u jistennieh sakemm jghaddi biex, imbaghad ikompli bil-manuvra tieghu.

Illi dawn il-konkluzzjonijiet jidhru illi huma konfortati, Lucrezia Barresi, mart Domenico Franco u passeggiera quddiem fl-Opel misjuqa minn zewgha ghandha dan xi tghid:

*“pero’, non ho focalizzato bene la strada cosi come poteva essere, perche tutto non e’ durato molto; e volevo essere tranquilla che la strada era vuota. Allora, quando la macchina si e’ messa dritta verso Paradise Bay, ero tranquilla che potevo guardare Paradise Bay, non c’era nessuna preoccupazzione di guardare la strada e allora, ho girato l occhi per guardare Paradise Bay e in quel momento e successo questo”*

Hija tkompli:

*“Abbiamo superato ancora un po di quella corsia da dove arrivava la moto che gia la macchina… era gia dritta per entrare nella Paradise Bay. Per questo, io avevo gia’ preso la strada con gli occhi, perche ero gia indirizzata con la macchina”.*

Dana kollu hija tikkonfermah sussegwentement bil-kliem:

*"Siamo sempre stati uniti nella guida nel senso che attenzione tutti i due perche'…."*

L-imputat Domenico Franco ghandhu dan xi jghid:

*"ho portata piu o meno su i venti trenta, perche ero li che potevo gia svoltare. Ho atteso, semplicemente, un secondo prima di lanciarmi, perche' volevo avere la visuale completa verso Paradise Bay. Avuto questo, ho esitato a attraversare l-incorcio e, in corrispondenza del ingresso della strada. Quindi la macchina gia a 90 gradi, gia entrata, e un certo senso nel incorcio che porta a Paradise Bay, ho sentito prima un grande rumore.*

*Una volta che la macchina si e' infilata nella strada non avevo piu' motivo di guardare verso la sinistra".*

Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni il-ghaliex ma rax lill-motorcycle gej, Domenico Franco jirrispondi hekk:

*"Probabilmente, non l'ho visto perche la moto, in quel momento, non c'era. Siccome, poi, procedeve ad un alta velocita', e arrivata sull'impatto, sulla macchina, e basterebbero appena tre secondi per arrivare ad una certa velocita' sulla mia macchina".*

Izda, l-konjugi Watherspoon u Mrs. Wardrope jinsistu illi l-motorcycle ma kienx qieghed jigi misjuq bi speed eccessiv u illi kien qieghed jinsaq "in a normal manner".

Illi din il-Qorti, di inizzjattiva proprja, innominat lill-Perit Arkitett Richard Aquilina sabiex ikejjel id-distanza bejn il-bidu tal-kurva f’Cirkewwa Road u l-posizzjoni fejn Domenico Franco beda l-manuvra tieghu biex idur gewwa s-side road li taghti ghal Paradise Bay u fejn, allura kellu l-vizzwali biex jara x’gej minn quddiemu fil-karreggiata opposta u fejn kellu, allura, d-dover illi jezercita’ l-proper look-out mistenni minn sewwieq li qed jaghmel din il-manuvra.  Dina d-distanza hija wahda ta’ 92 metri.

L-imputat itenni illi ma’ l-inkroju ghal Paradise Bay huwa naqqas l-ispeed tieghu ghal 20 jew 30 kilometri fis-siegha. Jekk huwa hekk, il-Qorti ghamlet dan is-sussegwenti kalkolu:

Tenendo konto illi l-motorcycle kien qieghed jinsaq ‘in a normal manner’, bil-motorcycle gej mill-kurva ‘l hemm, sabiex jaghmel 92 metru u cioe’ fejn kien qieghed dak il-hin idur l-imputat ghal gewwa s-side road li taghti ghal Paradise Bay, naghmlu kaz bi speed ta’ 60 kilometru fis-siegha, tiehu lill-motorcycle 5.25 sekondi, sakemm il-motorcycle tasal ghal ma’ l-Opel.  Bl-istess argument, bl-istess distanzi, izda bi speed eccessiv tal-motorcycle u cioe’ bi 80 kilometru fis-siegha, l-istess, il-motorcycle kellu bzonn 4.14 sekondi ghal ‘point of impact’

Dana x’ifisser?  Dana ifisser, illi l-imputat kellu kull hin biex jara lill-motorcycle gej, almenu 4.14 sekondi qabel minn meta rrallenta biex idur ghal Paradise Bay.  Dan dejjem, jekk wiehed ghandu jemmen illi l-mutur kien ghaddej b’xi speed ta’ per ezempju 80 kilometru fis-siegha, il-ghaliex speed inqas, ovvjament qed jaghti hin itwal.

Speed ma’ jirrizultax, u dan skond ix-xhied okulari li kollha osservaw illi l-motorcycle kien gej mghaggel izda mhux eccessiv, normali.

Dan jigifieri, illi l-imputat kellu bizzejjed hin sufficjenti sabiex ikollu “thinking time” u ghalhekk din il-Qorti ghandha ssibu hatja ta’ l-ewwel imputazzjoni u per konsegwenza tat-tieni imputazzjoni.

Fir-rigward tal-piena, l-Qorti wara li rat il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza, u wara li rat id-dokumenti kollha tal-kaz, u wara li hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta’ l-imputat, u wara li osservat li huwa ta l-permess tieghu sabiex dawn il-proceduri jitkomplew anke fl-assenza tieghu, waqt illi ssibu hati taz-zewg imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni, tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ tlett elef lira maltin (Lm3,000). Inoltre, wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundannah ihallas l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------